



Brussell, 19 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12987/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0212(NLE)**

**SCH-EVAL 134
ENFOPOL 366
COMIX 525**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Ottubru 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12629/21	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal- Awstrija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- kooperazzjoni tal-pulizija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal-Awstrija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2021.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2020 tal-Awstrija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tirrakkomanda azzjonijiet korrettivi lill-Awstrija biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija li saret fl-2020. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri l-kostatazzjonijiet u l-valutazzjonijiet u li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni, ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2600.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) L-Awstrija stabbiliet sistema ċentralizzata effiċjenti ta' statistika u analiżi biex timmonitorja x-xejriet tal-kriminalità fit-territorju kollu tagħha. Hija tagħgorna regolarment il-ftehimiet bilaterali tagħha, u tespandi l-possibbiltajiet fihom ferm lil hinn mid-dispożizzjonijiet standard tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija. Il-pjattaforma investigattiva mmexxija mill-Awstrija bl-isem “Uffiċċju Operattiv Konġunt” hija ċentru għal kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija b'suċċess fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni irregolari. Dawn il-prattiki huma kkunsidrati bħala punt ta' interess partikolari.
- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-*acquis* ta' Schengen, jenħtieġ li tingħata prijorità għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet 1 u 2 ta' hawn taħt.
- (4) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. Fi żmien tliet xhur minn meta tiġi adottata, b'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jenħtieġ li l-Awstrija tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Awstrija

Punt Uniku ta' Kuntatt

1. tkompli tiżviluppa l-Punt Uniku ta' Kuntatt Awstrijak billi tintegra d-diversi kanali internazzjonali f'uffiċċju wieħed, bl-appoġġ ta' sistema unika ta' ġestjoni tal-każijiet;

Sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet

2. tipprovdi funzjonalità aktar effettiva ta' "fuzzy logic" f'sistemi ta' tiftix nazzjonali konnessi ma' bażijiet tad-data tal-UE u internazzjonali;

Skambju ta' informazzjoni u bażijiet ta' data internazzjonali

3. tistabbilixxi karigatur awtomatizzat tad-data għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol;
4. tiżgura l-awtomatizzazzjoni tal-integrazzjoni tad-data rċevuta mill-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol fis-sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet ewlenin Awstrijaċi (is-Sistemi *zum Protokollieren, Anzeigen und Dokumentieren* u *l-Kriminalpolizeiliche Datenanwendung* Integrat);
5. tiżgura l-interkonnnettività bejn id-diversi sistemi deċentralizzati ta' ġestjoni tal-każijiet użati miċ-ċentri ta' kooperazzjoni tal-pulizija u d-direttorati tal-pulizija reġjonali, u żżid l-interkonnnessjoni tagħhom mas-sistema ċentrali ta' ġestjoni tal-każijiet bil-ħsieb li jittejjeb il-fluss tax-xogħol tal-ġestjoni tal-każijiet fi ħdan il-forzi tal-pulizija Awstrijaċi;

Kooperazzjoni operattiva transfruntiera

6. ittejjeb jew testendi l-kopertura tar-radju tan-network ta' komunikazzjonijiet bir-radju tal-pulizija tagħha fir-reġjuni tal-fruntiera mal-Italja u s-Slovenja, b'mod partikolari għat-trażmissjoni f'waqtha ta' informazzjoni għall-finijiet ta' sorveljanza transfruntiera u "insekwiment transkonfinali";

Riżorsi umani u taħriġ

7. tiżviluppa u taġġorna sistematikament it-taħriġ kontinwu (inkluż soluzzjonijiet online) dwar l-*acquis* ta' Schengen u dwar l-użu ta' għodod ta' kooperazzjoni fl-infurzar tad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni filwaqt li żżid is-sensibilizzazzjoni dwar il-possibiltajiet li tiġi rrapportata mgħiba mhux etika. Jenħtieġ li tingħata prijorità lit-taħriġ iddedikat għall-persunal li jaħdem fil-qasam tal-kooperazzjoni internazzjonali.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President